## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M.Grixti LL.M. LL.D.

**Appell Numru 617/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**Vs**

**Mario Scicluna**

Seduta tas-27 ta' Awwissu, 2020

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant Mario Scicluna detentur tal-karta tal-identita' numru 21571(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għan-nom u in rappreżentanza ta' Jubilee 2000 Ltd (C26368) u / jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Numru XXIII tal-1998) u r-regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriża li seħħet fit-3 t'Ottubru 2015 waqt in-Notte Bianca ġewwa l-Belt Valletta, irriżulta li jew hu jew impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu naqas li

jagħti jew jipproduċi riċevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' riċevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-ħtiġijiet speċifikati fil-partita 13 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont il-kumpens lilu mħallas, u dan bi skur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-7 ta' Diċembru 2016 fl-ismijiet premessi li biha l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu multa ta' disa' mitt Euro (€900).

Rat l-appell ta' Mario Scicluna intavolat fil-21 ta' Diċembru 2016 fir-reġistru ta' din il-Qorti li bih talab lil din il-Qorti **tirrevoka** s-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2016 billi tħassarha u tilliberah minn kull ħtija u piena;

Rat l-appell tal-appellant

Rat l-atti kollha tal-proċess.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant kif mitluba mill-Qorti.

Semgħet lill-partijiet;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b'zewg gravami. Fl-ewwel wiehed iressaq l-argument illi qatt ma seta' jinstab hati mill-ewwel Qorti fuq il-provi mressqa. Dan ghalhekk huwa essenzjalment aggravju dwar interpretazzjoni zbaljata tal-provi. Fit-tieni aggravju, l-appellant isostni li fi

kwalunkwe kaz ma setax jinstab hati la darba ezercita d-diligenza mehtiega biex ikun evitat r-reat in kwistjoni;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz huma fis-semplicita' taghhom dwar allegat nuqqas ta' hrug ta' ricevuta fiskali fi stabbiliment tal-ikel, mhux mill-imputat izda mill-persuna li kienet responsabbli dak il-hin. Il-prosekuzzjoni xliet lill-imputat fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' li tiggestixxi dan il-hanut;

3. Spettur tad-Dipartiment tal-VAT xehed illi fil-jum u hin tal-incident dahal fil-hanut in kwistjoni u osserva li klijenti kienu inghataw fi plattina, il-bqija minn hamsin euro flimkien ma' ricevuta li ma kienitx wahda fiskali. Ghalhekk, flimkien mal-kollega tieghu, talbu lill-persuna li kienet ghadha kemm ghaddiet din il-bqija, Anthony Scicluna, sabiex tohrog ricevuta fiskali kif ukoll X-reading tal-cash register. Anthony Scicluna xehed illi dan ma hu minnu xejn u spjega li fil-hanut jadoperaw sistema fejn il-klijent jinghata pre-bill jew non-fiscal receipt sabiex ikun jista' jivverifika l-kont. Wara li jhallas jinghata ricevuta fiskali. F'dan il-kaz partikolari, hu kien bilqieghda mal-klijenti u l-Ispetturi tal-VAT sejhulu minn fejn il-bar fejn spjegalhom li ma kienx ghadu hareg ricevuta fiskali ghaliex il-klijenti kienu ghadhom gewwa. Intalab johrog X-reading u hareg ricevuta fiskali, il-klijent beda miexi biex johrog 'l barra u l-Ispettur hataflu r-ricevuta minn idejh u b'hekk ma tahx l-opportunita' li jaghtija lill-klijent;

4. L-ewwel Qorti ghazlet li temmen il-verzjoni moghtija mill-Ispettur tal-VAT kif kellha l-fakolta' li temmen meta rinfaccjata b'zewg verzjonijiet. Ezaminati l-provi kollha fid-dettall, ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha ticcensura lill-ewwel Qorti fis-sens illi l-verzjoni moghtija mix-

xhud ma hi xejn plawsibbli u dik tal-Ispettur hija korroborata minn fatt partikolari. Sia ir-ricevuta fiskali kif ukoll l-X-reading inhargu fl-istess hin skond il-hin hemm stampat. Meta allura l-Ispettur jghid li talab lis-Sur Scicluna johrog ricevuta u X-reading dan ghamilhom fl-istess waqt jew ghall-massimu fl-istess minuta u meta s-Sur Scicluna jghid li wara li hareg ir-ricevuta u prova itiha lill-klijent inqalet kommossjoni meta l-Ispetturi pruvaw izommuh milli johrog minn wara l-bar. F'dik il-kommossjoni allura inharget sia ricevuta fiskali kif ukoll X-reading bi ftit sekondi bejniethom;

5. Inoltre, ix-xhud spjega hekk: "*Il-pre bill tajtulhom once li talbuna l-kont hrigt bil-pre-bill, Imbaghad tistenna, jaghtuk il-flus, tigbor il-flus u terga' taghtihom il-kumplament. Once li jiccekkjaw li kollox qieghed in order umbaghad naghtuhom l-ircevuta".* Din il-verzjoni hija pjuttost inkreduli ghaliex filwaqt illi n-non fiscal invoice hi haga logika, kemm il-verifika jehtieg li jaghmel il-klijent qabel ma tinhareg ir-ricevuta fiskali? Jekk b'dak li qal ix-xhud irid lill-Qorti temmen illi wara li jkun ivverifika l-bqija li inghatatlu u rega' ivverifika li dik hija ghal-hlas tal-oggetti minnu ordnati, allura l-ewwel Qorti kellha raguni sufficjenti sabiex tghazel verzjoni minn ohra;

6. Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet fejn spjegat meta fl-ordni ta' transazzjoni jiskatta l-obbligu tal-bejjiegh li johrog ricevuta fiscali. Per ezemplari, fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Grazio Scicluna' tat-18 ta' Marzu 2004, il-Qorti gja rreferiet ghas- sentenza tagħha stess tal-25 ta' Mejju 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Doris Bugeja' fejn kien ritenut hekk:

*"Ir-regolament 3 tal-Avviż Legali 87/1997 kien ċar fil-portata tiegħu: l-irċevuta fiskali permezz tal-cash register kellha tinħareġ fil-*<u>*mument*</u> *li jsir il-ħlas u mhux f'xi ħin wara; altrimenti wieħed ikun qed jagħti lok għal abbużi b'dannu għall-erarju pubbliku.....Il-pożizzjoni kienet tkun differenti kieku, it-tieni klijenta, mingħajr il-kunsens tal-appellanti, ħallitilha l-flus fuq il-bank u telqet 'il barra."*

7. Fil-kaz hawn skrutinat, wara li ngħatat il-bqija ma kienx hemm aktar x'wieħed jeżamina jew jivverifika għaliex il-pre-bill ikollu d-dettalji ta' x'ħa l-klijent kif ukoll ta' kemm jiswew l-affarijiet. Jekk għandu xi dubju dwar il-kont il-klijent jista' jissollevah qabel ma jħallas. Hawn qegħdin f'sitwazzjoni fejn ingħatat il-bqija u allura kien tassattiv li tingħata l-fiscal receipt ukoll flimkien mal-bqija;

8. Din il-Qorti ma taqbel xejn mar-ragunament tal-appellant li s-sentenza appellata hi bazata fuq assunzjoni li ma kienitx inharget ricevuta fiskali u li kieku l-Ispetturi tal-VAT stennew ftit, kienu jistghu jaraw li tinhareg ir-ricevuta relattiva. Lanqas ma tista' taqbel mal-osservazzjoni li l-Ispetturi ma rrapurtawx nuqqasijiet ohra tal-ligi fiskali li seta' jsahhah il-kaz taghhom ghaliex frankament dan huwa argument li ma jregix;

9. Fit-tieni aggravju, l-appellant jillanja illi fi kwalunkwe kaz ma jistax jinstab hati ta' nuqqas fl-istabbiliment meta ghamel minn kollox sabiex dan ma jsehhx. L-appellant hawn qieghed jinvoka l-Artikolu 82 (2) tal-Kapitolu 446 u l-prova li ressaq in sostenn ta' dak li jista' jiskolpah hija d-deposizzjoni ta' Anthony Scicluna meta jghid hekk: "*Jiena direttur ta' l-*

*kumpanija flimkien ma' hija Mario pero' niehu hsieb id-day to day running ta' l-operations tal-post tal-Belt*'.

10. L-appellant iressaq l-argument illi mill-provi "jirrizulta li l-gestjoni tan-negozju ta' l-istabbiliment f'Valletta hi responsabilita' ta' Anthony Scicluna u l-appellant ma ghandu assolutament xejn x'jaqsam mat-tmexxija ta' dan il-hanut". Bid-dovut rigward dan ma johrog minn ebda parti tal-atti processwali. L-argument, imbaghad, "*illi l-kaz odjern jirrelata dwar allegat nuqqas uniku u wahdieni li sehh fl-istabbiliment li jiehu hsiebu Anthony Scicluna. Ma hemm xejn li jindika li dan l-istabbiliment partikolari jonqos b'mod regolari mid-doveri fiskali tieghu*" ma hu ta' ebda soljev ghall-appellant u l-Qorti ma tarax li ghandha tinoltra f'diskussjoni ulterjuri dwaru;

11. Is-sentenza tal-ewwel Qorti dwar din l-aspett hija wahda inecepibbli. Il-Prosekuzzjoni ressqet il-prova li l-istabbiliment hu gestit mis-socjeta li taghha l-imputat huwa direttur u kif tajjeb ritenut mill-ewwel Qorti meta ccitat il-proviso tal-artikolu 82, kellu jkun l-imputat li jgib il-prova li huwa ma kienx jaf u ma setax b'diligenza ragonevoli jsir jaf b'dak l-eghmil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas. Haga li ma ghamilx ghall-konvinciment tal-ewwel Qorti u lanqas ta' din;

12. Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud.